15 ta' Mejju, 1953

Imħallef :—
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

George Cutajar *versus* Edward Vincenti Kind pr. et ne.

**Appalt — Perit — Danni — Kjamata fil-Kawża — Solidarjetà — Art. 1732 (1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-appaltatur li jeżegwixxi ħażin ix-xogħol li jifforma l-oġġett ta' l-appalt huwa responsabili għad-dannu kollu li jiġi minn dik l-eżekuzzjoni ħażina tax-xogħol; u dan avvolja għas-sorveljanza ta' dak ix-xogħol ikun hemm perit imqabbad mill-appaltant, jekk il-vizzju tax-xogħol ikun fil-lavorazzjoni, u mhux fid-direzzjoni tal-perit; u anki jekk il-perit jista' talvolta jkun kolpevoli fis-sorveljanza. Infatti, il-perit kolpevoli ta' difett ta' sorveljanza għandu regress kontra l-appaltatur li jkun ikkommetta vizzji ta' lavorazzjoni.*

*Għaldaqstant, għalkemm l-arkitett u l-appaltatur jistgħu jiġu kundannati flimkien u "in solidum", bħal ma jistgħu jiġu kundannati separatament u ratealment, ma hemmx lok li l-perit jiġi msejjaħ fil-kawża li tkun saret biss kontra l-appaltatur, jekk il-fatti juru illi l-ħsara hija dovuta għal difett ta' lavorazzjoni kommess mill-appaltatur.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, wara li ppremetta illi d-ditta konvenuta aċċettat minn għandu l-appalt għall-kostruzzjoni ta' saqaf tal-"concrete" fil-maħżen tiegħu f'Saint Edward's Street, Qormi; u li dak ix-xogħol ma ġiex eżegwit skond is-sengħa, bil-konsegwenza illi s-saqaf iż-żaqqaq mill-ewwel u ġie kundannat mill-perit li ddiriġa x-

xogħol; talab illi l-konvenut proprio et nomine jiġi kundannat jerġa' jagħmel ix-xogħol mill-ġdid skond is-sengħa taħt id-direzzjoni ta' l-Arkitett Carmelo Falzon, il-perit privat ta' l-istess attur, fiż-żmien li jiġi lilu prefiss, billi, qabel xejn, jirrimwovi x-xogħol ħażin li ġa sar, u in difett jiġi huwa stess awtorizzat jeżegwixxi l-istess xogħol per mezz ta' ħadd ieħor, billi d-differenza fl-ispiża titħallas mill-konvenut. B'riżerva ta' l-azzjoni għad-danni, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-11 ta' April 1951;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi x-xogħol riferit fl-att taċ-ċitazzjoni jikkonsisti f'saqaf ta' maħżen f'St. Edward's Street, Qormi, twil 36 il-pied u wiesgħa 16 il-pied u 3 pulzieri, mibni fuq is-sistema ta' Smith's Fireproof Floors — kwalità ta' soqfa li huma forniti mid-ditta konvenuta u mibnijin mill-esperti tagħha;

Illi mill-perizja jirriżulta li dawn l-osqfa jikkonsistu fi blokki tal-"concrete"........;

Illi l-perit issottometta illi, fl-opinjoni tiegħu, għal dik li hija kompożizzjoni tas-saqaf, f'dan il-każ ma hemm xejn illi wieħed jista' jikkundanna; iżda rrileva li "mhux biss il-kompożizzjoni tas-saqaf wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni, imma wkoll il-mod kif saru l-preparativi għalbiex is-saqaf jintrama";

*Omissis;*

Illi, in vista tal-premess, il-perit wasal għall-konklużjoni illi min kien responsabili għall-bini ta' dawn is-soqfa ma jifhemx biżżejjed x'għandha tkun il-funzjoni tat-travi;

Illi f'dan il-pont jixraq li jiġi rilevat illi l-attur kien ftiehem mad-ditta konvenuta biex tagħmillu s-saqaf tal-"blockcrete" bħal dak tal-maħżen ta' l-istess ditta konvenuta fil-fabbrika tagħha ta' Ħal-Lija, u, kif innota l-perit, fil-waqt li ż-żewġ imħażen huma ta' wisa' kważi ugwali, u fit-tnejn hemm travi ta' l-istess sezzjoni, id-direzzjoni tat-tul tal-blokki fil-maħżen tad-ditta konvenuta qegħedha (kif għandha tkun) fid-direzzjoni tat-tul tal-maħżen, mentri dik tal-blokki tal-maħżen in kwistjoni qiegħda fid-direzzjoni tal-wisa' tal-maħżen, li, kif ġà ngħad, hija d-direzzjoni l-ħażina. Il-perit osserva li

ma kienx hemm raġuni għaliex fil-maħżen tad-ditta konvenuta tpoġġew mod u f'dak ta' l-attur tpoġġew mod ieħor; u dina kienet ir-raġuni li wasslet il-perit biex jikkonkludi illi min kien responsabili għall-bini ta' dawn is-soqfa ma jifhemx biżżejjed il-funzjoni tat-travi;

Tikkunsidra;

Illi l-perit wasal ukoll għall-konklużjoni li l-ħtija hija kollha kemm hi tad-ditta konvenuta, jiġifieri ta' min kien responsabili għall-bini tas-saqaf, u tagħha biss, u l-ebda ħtija ma tista' tiġi ravviżata la fl-attur u lanqas fil-perit tiegħu; u bir-raġun, il-għaliex, kif irrileva l-perit, in-nies tad-ditta konvenuta qalu lill-attur biex ipoġġi travi........... u l-istess ditta konvenuta lanqas ma tista' titfa' l-ħtija, jew parti minnha, fuq il-perit, billi tippretendi li l-qisien tat-travi għandhom jiġu stabbiliti mill-perit inkarigat; u dan għaliex, kif sewwa rrileva l-perit ġudizzjarju, "id-ditta konvenuta għandha tagħti l-importanza neċessarja għal dan il-fatt, u għandha, qabel ma tibda x-xogħol, tattira l-attenzjoni tal-klijenti tagħha għal dan il-fatt, u ma tibdiex tqiegħed il-blokki qabel ma taċċerta ruħha illi l-perit inkarikat iffissa l-miżura tat-travi hu". Stabbilita l-ħtija tad-ditta konvenuta fl-eżekuzzjoni tax-xogħol, il-ħtija tibqa' kollha tagħha, u fl-aħħar tirrispondi hija għaddannu kollu; għaliex il-vizzju huwa fil-lavorazzjoni, u mhux fid-direzzjoni tal-perit, li lanqas biss ma kien jaf li x-xogħol kien qegħed isir; u dan anki jekk il-perit jista' jkun kolpevoli fis-sorveljanza, ġà ladarba d-ditta konvenuta hija kolpevoli, kif ingħad, ta' kolpa bħal dik fuq indikata. Hekk hu ġeneralment ritenut fid-dottrina, jiġifieri illi l-arkitett kolpevoli ta' difett ta' sorveljanza għandu, f'każijiet simili, regress kontra l-imprenditur li jkun ikkommetta vizji ta' lavorazzjoni;

Tikkunsidra;

Illi f'dan il-pont hu xieraq li tiġi kunsidrata t-talba tad-ditta konvenuta—magħmula wara li ġie preżentat ir-rapport tal-perit—għall-kjamata fil-kawża ta' l-Inġinier Carmelo Falzon, imqabbad mill-attur biex jiddiriġi x-xogħol, billi dan, kif issottomettiet l-istess ditta, skond l-art. 1732 (1) tal-Kodiċi Civili, huwa ma' l-istess ditta solidalment responsabili; anki għaliex kienet ħtija tiegħu jekk ma nduna x li x-xogħol kien sejjer

isir ħażin, anki jekk ma kienx jaf li dak ix-xogħol kien qiegħed isir ħażin; u dan għaliex kien dover tiegħu li jattendi regolarment u jagħmel il-verifikazzjonijiet meħtieġa;

Tikkunsidra fuq din it-taiba;

Illi, skond l-artikolu ċitat, jekk bini jew xogħol ieħor kbir ta' ġebel, mibni b'appalt, fi żmien ħmistax il-sena minn dak in-nhar li tkun tlestiet il-kostruzzjoni jinqered, kollu jew biċċa minnu, jew juri li hemm perikolu ċar li sejjer jiġġarraf minħabba difett ta' kostruzzjoni, jew ukoll minħabba difett ta' l-art, l-arkitett u l-appaltatur għandhom iwieġbu għal dan";

Illi r-responsabilità ta' l-arkitett u ta' l-appaltatur, skond l-opinjoni l-aktar komuni, segwita wkoll mill-Qorti ta' l-Appell Tagħna fil-kawża "Grixti vs. Gatt ne. et." (30 ta' Mejju 1910), tkopri l-każijiet kollha ta' difetti gravi li jkun hemm fl-opra mogħtija b'appalt, meta l-perikolu, għalkemm ma jkunx imminenti, ikun, iżda, evidenti;

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kawża "Grixti vs. Scicluna", konfermata mill-Qorti ta' l-Appell, irritenict illi "trattandosi di una colpa contrattuale nascente dall'inadempimento di una obbligazione contrattuale, e non da delitto o quasi, la responsabilità........... è rateale, e non solidale" (Kollez. Vol. XVIII—I—92);

Illi, però, skond id-dottrina, kull meta jkun hemm kolpa komuni kontra l-arkitett u l-impreżarju, jista' jkun hemm kontra tagħhom kundanna "in solido", jiġifieri kull wieħed minnhom jista' jiġi kundannat għal kollox, għalkemm jistgħu wkoll jiġu kundannati fi kwoti distinti, prinċipalment fin-nofs. Imma solidarjetà bejniethom ma hemmx; għaliex is-solidarjetà mhix preżunta fl-obligazzjonijiet kontrattwali (Baudry-Lacantinerie, Locazione, Vol. II, P. II, p. 293); għalkemm skond xi ġuristi, fosthom Pacifici Mazzoni, huma t-tnejn tenuti "in solido". "Se la responsabilità", jgħid il-Pacifici Mazzoni, "gravi insieme sull'architetto e sull'imprenditore, essi sono tenuti in solido; perocchè la loro responsabilità deriva da delitto o quasi delitto" (Vol. V, paġ. 277). Però, skond is-sentenza tal-Kassazzjoni ta' Napli, imsemmija fl-opra ċitata, "la solidarietà cessa per altro quando da indagini di fatto ri-

sulti che unicamente all'uno o all'altro sieno imputabili i danni". U fl-opra ċitata ta' Baudry-Lacantinerie, fil-volum fuq imsemmi, jingħad :— "In ogni caso, quella delle parti la cui colpa, in ultima analisi, ha cagionato l'infortunio, ha un ricorso contro l'altra"; u nġieb bħala eżempju dak ta' arkitett li naqas jissorvelja u ta' l-imprezarju illi kkommetta vizji ta' lavorazzjoni, u ingħad li l-arkitett f'dan il-każ għandu rikors kontra l-imprezarju (fol. 293); u dana l-għaliex, meta jkun hemm vizzju ta' lavorazzjoni, ma jimporta xejn li jkun ġie nkarigat arkitett biex jissorvelja x-xogħlijiet. "L'impresario che lavora sul piano di un architetto è responsabile dei vizi di lavorazione che non sono imposti nel piano. Non importa che l'architetto sia incaricato anche di sorvegliare i lavori'; anzi jibqa' responsabili l-imprezarju anki jekk id-difetti fil-kostruzzjoni jkunu dovuti għall-vizji tal-pjan ta' l-arkitett, jekk l-imprezarju jkun irrikonoxxa l-ħtija ta' l-arkitett fl-għamla tal-pjan, jew jekk il-ħtija ta' l-arkitett tkun hekk elementari illi l-imprezarju espert ikun imissu irrifjuta x-xogħlijiet (op. ċit. fol. 287). U Laurent (pag. 29, Vol. 26) :— "Se i progetti sono mal fatti, l'architetto sarà responsabile. La responsabilità dell'architetto esonera la responsabilità dell'intraprenditore? No, a nostro avviso, perchè l'intraprenditore non deve seguire un progetto difettoso"........... "Si tratta di un lavoro professionale, al quale gli intraprenditori prendono parte. Essi devono conoscere le regole dell'arte, secondo le quali l'architetto ha fatto il suo progetto, e che essi sono incaricati di eseguire secondo queste stesse regole" (fol. 32);

Dana l-ġurekonsult jirritjeni illi, meta l-arkitett jiġi nkarikat biex jiddiriġi x-xogħol, ir-responsabilità tiegħu hija aktar estiża, għaliex "dirigere i lavori è intervenire nella loro esecuzione.......... il che comprende anche la verifica dei materiali, cosa essenziale, poichè avviene sovente che gli edifici crolano o devono essere rinforzati per la cattiva qualità dei materiali" (fol. 29). Però fil-każ li qed jiġi diżaminat, il-vizzju fix-xogħol, kif jirriżulta mill-perizja, hu dovut għal "nuqqas ta' ħsieb jew ta' konjizzjoni teknika" ta' l-imprezarju, li ma tax l-importanza għall-qisien tat-travi — dak li jmissu għamel, bħala konoxxitur, kif imissu kien, tar-regoli ta' l-arti; u ma

kienx imissu għamel ix-xogħol jekk ma jattirax qabel l-attenzjoni ta' l-attur għal dak il-fatt, u ma kienx imissu beda l-blokki qabel ma almenu jaċċerta ruħu li l-perit inkarikat iffissa l-miżuri tat-travi hu;

Ilii, in vista' ta' dak li ġie fuq espost, il-kjamata fil-kawża ta' l-arkitett la hija neċessarja u lanqas hija utili sabiex tiġi evitata kawża ta' regress kontra tiegħu; u dan jekk wieħed jaċċetta illi l-istitut tal-kjamata in kawża jista', bħala regola u proprjament, iservi anki għalhekk—billi jirriżulta assodat illi minħabba n-natura tal-ħtija tad-ditta konvenuta hija din li għandha tbati d-dannu kollu;

Tikkunsidra;

Illi l-perit irrakkomanda li s-saqaf jiġi msaħħaħ bi travi oħra, oltre dawk li hemm. Dawn it-travi l-oħra għandhom ikunu ta' sezzjoni...........;

L-attur ma għamel ebda obbjezzjoni għall-imsemmi suġġeriment tal-perit;

Għall-motivi premessi;

Tiċħad it-talba tal-konvenut proprio et nomine għall-kjamata fil-kawża ta' l-Inġinier u Arkitett Ċivili Carmelo Falzon;

Tiddeċidi adeżivament għat-talbiet ta' l-attur, fis-sens però li tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jeżegwixxi x-xogħlijiet rakkomandati mill-perit ġudizzjarju, kif indikati fil-partijiet razzjonali ta' din is-sentenza, taħt id-direzzjoni ta' l-istess perit Onor. Prof. Robert V. Galea, O.B.E., B.Sc., f'xahar żmien mil-lum, prorogabili per giusta kawża, u in difett tawtorizza lill-attur jagħmel hu stess dawk l-istess xogħlijiet, taħt id-direzzjoni ta' l-istess perit, għas-spejjeż tal-konvenut proprio et nomine;

L-ispejjeż kollha tal-kawża u relativi jitħallsu minn għand il-konvenut proprio et nomine.